MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2003

Appell Kriminali Numru. 11/2003

Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)
Vs

Omissis

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellata quddiem il-Qorti tal-Minorenni talli f'dawn il-Gzejjer nhar it-2 ta' Marzu, 2002 u x-xahrejn ta' qabel, goz-Zejtun u fi bnadi ohra f'Malta f'hinijiet differenti :

a) kellha fil-pussess taghha ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(a) u (d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) bieghet jew xort'ohra ttrafikat fir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza;

c) kellha fil-pussess taghha Medicina ristretta w psikotropika meta ma kienitx awtorizzata kif imiss bi ksur tar-Regolament 5 (1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 40(A) u 120(a) u t-Tielet Skeda tal-Ordinanza dwar il-professjoni medika u l-professjoni li ghandhom x'jaqsmu maghha Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat;
d) ikkommetiet dawn ir-reati f'post, fi jew gewwa centru, u jew f'distanza ta' mitt (100) metru mill-perimetru ta' post fejn jiltaqghu iz-zaghzagh bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-professjoni medika w profesjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghhom.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Minorenni tal-15 ta' Jannar, 2002, li biha wara li rat l-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101, ir-reg 5(1) ta' l-AL 22 ta' l-1985 kif emendat, l-Artikoli 40(a) u 120(a) tal-Kap. 31 u l-Artikolu 16 ta' l-Att V ta' l-1985 kif emendat, l-Artikolu 37 tal-Kap. 9, kif ukoll l-Artikolu 5 tal-Kap. 152 ordnat lill-imputata titqieghed taht Ordni ta' Probation ghall-perjodu ta' sentejn taht is-sorveljanza tal-probation officer Mary Anne Zammit.

Rat ir-rikors tal-appellant l-Avukat Generali minnu pprezentat fit-28 ta' Jannar, 2003, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma w timmodifika s-sentenza appellata, billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn iddikjarat u sabet htija fl-imputata appellata skond l-akkuzi migjuba kontriha, thassaraha w tirrevokaha f'dik il-parti fejn bl-applikazzjoni tal-Artikolu 5 tal-Kapitolu 152, ordnat li hija titqieghed taht Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' sentejn taht is-sorveljanza tal-Probation Officer Mary Anne Zammit bil-kondizzjonijiet annessi fl-istessi ordni ta' probation anness mas-sentenza, u minflok, tinfliggi l-piena karcerarja w pekunjarja skond il-ligi.

Rat illi l-aggravju tal-Avukat Generali jikkonsisti fil-fatt li l-Ewwel Qorti nvokat u applikat id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 5 tal-Kap.152 sabiex setghet tillibera lill-appellata taht kondizzjoni ghal certu periodu u meta ghamlet hekk ghamlet applikazzjoni legalment zbaljata fis-sens li kellha mpediment legali tassattiv bl-artikolu 22 (9) tal-Kapitolu

101 milli tapplika d-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 152 , anki jekk quddiemha si trattava ta’ imputata taht l-eta’ , ossia minorenni . Kien applikabbli tassativament l-imsemmi artikolu 22 (9) proprju minhabba n-natura w l-gravita’ tat-tieni mputazzjoni . Dak li setghet taghmel l-Ewwel Qorti kien biss li tapplika riduzzjoni fil-piena skond l-artikolu 37 tal-Kodici Kriminali .

Fliet l-atti kollha processwali;

Semghet it-tratazzjoni tal-abbli prosekutur u tal-abbli difensur ;

Rat il-verbal tas-seduta tal-lum li bih Dr. Stefan Tonna Lowell, invista tad-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-Ispettur Josric Mifsud a fol. 7 tal-process, iddikjara illi huwa applikabbli l-artikolu 29 tal-Kap. 101 oltre it-tnaqqis fil-piena applikabbli taht l-artikolu 37 tal-Kap. 9 u li bih ukoll il-Prosekuzzjoni u d-Difiza qablu li, invista tal-applikazzjoni tal-artikolu 29 tal-Kap. 101 u l-artikolu 37 tal-Kap. 9, il-Qorti tista’ taghti piena ta’ ammenda li t-tnejn jaqblu li hija il-piena applikabbli w indikata f’dan il-kaz.

Ikkonsidrat ;

Illi hu minnu li fost il-htijiet ammessi mill-appellata hemm dik li bieghet jew xort’ ohra  ttraffikat fir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza koperta mit-tieni imputazzjoni.

Issa l-artikolu 22 (2) (b) (i) tal-Kap. 101 jiddisponi li meta persuna tinsab hatja mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) ta’ reat li jkun jikkonsisti fi traffikar ta’ medicina bi ksur tad-dispozizzjonijiet ta l-Ordinanza , il-piena tkun ta’ prigunerija ta’ mhux inqas minn sitt xhur izda mhux izjed minn ghaxar snin u multa ta’ mhux inqas minn mitejn lira izda mhux izjed minn hamest elef lira.

Illi umbaghad l-artikolu 22 (9) tal-Kap. 101 jiddisponi li d-dispozizzjonijiet tal-artikolu 21 u 28A tal-Kodici Kriminali u d-dispozizzjonijiet ta’ l-Att dwar il-Probation ta’ Hatjin ma jkunux applikabbli dwar xi persuna misjuba hatja ta’ reat

kif imsemmi fl-artikolu 22 (2) (b) (i) fuq imsemmi . Anki l-artikolu 22 (8) ukoll jeskludi l-applikazzjoni li l-hati jitqieghed taht probation meta jkun hemm htija taht l-art. 22 (2) (b) (i) sia pure ikun jinhtieg kura w ghajnuna ghar-riabilitazzjoni tieghu mid-dipendenza fuq xi medicina perikoluza.

Ghalhekk l-Ewwel Qorti kienet prekluza milli tapplika l-provvediment tal-artikolu 5 tal-Kap.152 kif ghamlet fis-sentenza appellata w ghalhekk l-appell tal-Avukat Generali huwa fondat .

Illi kif jipprospetta l-istess Avukat Generali fir-rikors tal-appell tieghu , l-unika triq miftuha lill-Qorti fil-kaz ta' hati li jkun minorenni bhal kif inhi l-appellata f'dan il-kaz hija li tapplika favur taghha l-mitigazzjoni tal-piena mahsuba fl-artikolu 37 tal-Kodici Kriminali li jghid li meta l-persuna hatja tkun minuri ta' bejn l-eta' ta' erbatax u t-tmintax l-sena il-piena ghandha titnaqqas bi grad jew tnejn.

Illi proprju bl-applikazzjoni ta' dan l-artikolu w skond dak li hu preskritt fl-artikolu 31 (1) (b) (xi) (xii) (xiii) u (xiv) (f) u 32 (1) tal-Kodici Kriminali , jekk il-piena ta' prigunerija li fil-minimu taghha ta' sitt xhur prigunerija trid tonqos b' zewg gradi, din tigi ridotta ghall-piena minima ta' xahar prigunerija , w, fil-kaz tal-multa din trid tigi ridotta ghall-piena tal-kontravvenzjonijiet li fil-massimu taghha skond l-artikolu 7 (2) (b) u 13 (1) tal-Kodici Kriminali hija dik ta' ammenda ta' hamsa w ghoxrin lira Maltin (LM25) u fil-minimu taghha hija dik ta' tlitt liri Maltin ( LM3).

Invista pero' tal-verbal tal-Prosekuzzjoni fuq imsemmi l-appellata trid tibbenefika wkoll minn tnaqqis ulterjuri fil-piena bl-applikazzjoni tal-artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta w dana allura jaghmilha possibli li din il-Qorti skond l-artikolu 31 (1)(c) tapplika anki l-piena tal-ammenda.

Illi din il-Qorti hija tal-fehma illi tali piena tkun l-aktar wahda indikata f'dan il-kaz stante l-eta' tant tenera ta' l-appellata w l-entita' zghira tal-kaz.

Konsegwentement din il-Qorti qed tilqa’ l-appell tal-Avukat Generali billi tirriforma s-sentenza appellata, billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellata hatja tal-akkuzi kollha dedotti kontra taghha w billi tirrevokaha in kwantu ordnat li l-appellata titqieghed taht ordni ta’ Probation ghall-periodu ta’ sentejn taht is-sorveljanza tal-Probation Officer Mary Anne Zammit a tenur tal-artikolu 5 tal-Kap.152 u minnflok,bl-applikazzjoni tal-artikolu 37 tal-Kodici Kriminali (Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta) u l-artikolu 29 tal-Kap. 101, tikkundannaha ghal ammenda ta’ hamsa w ghoxrin lira Maltin (LM25) li jridu jithalsu fiz-zmien xahar mil-lum u li jekk ma jithallsux fiz-zmien fuq imsemmi , jigu awtomatikament konvertiti f’ hamest ijiem detenzjoni skond dak li hemm mahsub fl-artikolu 13 (2) u 14 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------